MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 393/2009

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Francis Paul Borg, iben George, imwieled Ħamrun fil-21 ta' Ġunju, 1960

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-28 ta' Novembru, 2008 waqt li kien fil-Faċilita' Korrettiva ta' kordin, Raħal Ġdid ikkometta serq ta' €20 fi flus kontanti għad-dannu ta' Rod Cini minn Raħal Ġdid, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-persuna u bil-lok;
2. talli bħala uffiċjal pubbliku, cioe' uffiċjal tal-ħabs, kellu jissorvelja biex ir-reat ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi l-flus ġew mogħtija lura lid-derubat.

Semgħet lill-prosekuzzjoniu lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(d)(e), 263, 268(d), 269(f), 278(1)(2)(3) u 141 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta ta' din il-kawża, l-ammont misruqa kien żgħir u ġie ritornat, il-fedina penali netta u il-fatt li kkolabora mal-pulizija mal-ewwel. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan tirrakomanda lill-awtoritajiet li l-persuna hawn fuq imsemmija ma titlifx l-impieg tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------